MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 257/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Borg**
**sija bil-polza u sija bil-ligi u b'nota tat-12 ta' Mejju 2003 is-**
**socjeta GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti kollha**
**tal-kawza minflok is-socjeta GasanMamo Insurance Agency**
**Limited u din in rappresentanza tas-socjeta assikuratrici**
**estera CGU Insurance plc**

**Vs**

**Jean Karl Portelli u Carmelo Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici nomine talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu, jew min minnhom, lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mitt lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm300.15) rappresentanti danni kagunati mill-konvenuti jew min minnhom f’incident awtomobilisitku tal-10 ta’ Mejju, 2000, fi Triq Azzopardi kantuniera ma’ Triq il-Ferrovija l-Qadima, Birkirkara bejn il-vettura numru JKP 473 misjuqa mill-konvenut Jean Karl Portelli, il-vettura numru DAO 428 misjuqa mill-konvenut Carmelo Mifsud u l-vettura numru ABG 519 misjuqa min u propjeta’ tal-assikurat tas-socjeta attrici Philip Borg, liema incident gara unikament tort tal-konvenuti, jew min minnhom minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, jew min minnnhom.

Bl-ispejjes komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Lulju, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti ma’ l-avviz, u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenuti, jew min minhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut <u>Jean Karl Portelli</u> (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b’tort tal-eccipjenti. Izda b’tort tal-konvenut l-iehor Carmelo Mifsud, is-sewwieq tal-vettura numru DAO 428, minhabba traskuragini, imperizja, u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-trafiku da parti tal-istess Mifsud, billi dan baqa’ hiereg min fuq ‘Stop Sign” u baqa’ diehel fil-vettura tal-eccipjenti li fl-azzjoni urgenti u evasiva baqa’ diehel fil-vettura ta’ Philip Borg, l-assikurat tas-socjeta’ attrici, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta’ danni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Mifsud (fol 12 tal-atti) u li biha ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici fil-konfront tal-eccipjent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobilisitku in ezami, izda r-responsabilta ghal tali incident hija unikament tal-konvenut Jean Karl Portelli u dana kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta’ attrici nomine u tal-konvenut Jean Karl Portelli.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mix-xhieda ta’ PS 977 Joseph Zammit (fol 34 u fol 35 ibid) u mill-iskizz maghmul mill-istess fizzjal tal-Pulizija, li investiga dan il-kaz, l-incident in esami gara f’salib it-toroq bejn Triq il-Ferovija l-Qadima u Triq Azzopardi. Involuti f’dan l-incident, jidher li kien hemm tlett vetturi b’wahda minnhom, dik bin-numru ABG 519 u appartenenti lill-assikurat tas-socjeta’ attrici nomine b’mod passiv stante li kienet parkeggata. L-ohrajn, appartenenti lill-konvenuti, kellhom in-numri JKP 473, misjuqa minn Jean Karl Portelli u DAO 428 misjuqa minn Carmelo Mifsud.

Ikkunsidrat

Illi Philip Borg (fol 43 et seq ibid) spjega li l-karozza tieghu kienet parkeggata mal-hajt vicin hanut tal-helu waqt li go fiha kien hemm hu stess. Waqt li kien qed jhares mill-mera interna, kif ukoll mill-mera’ li hemm fit-triq hu seta’ jara id-dinamika ta’ dan l-incident fis-sens li kien ra lill-konvenut Carmelo Mifsud, johrog minn fuq sinjal ta’ “stop” (ara l-imsemmi skizz) “…. Minghajr ma tat kaz ta’ dan is-sinjal tat-traffiku”. Dwar dan hu rega’ sostna li “… ma rajthiex tieqaf fuq l-istop sign”. Minhabba li kien hemm il-karozza l-ohra tinsaq, mill-konvenut l-iehor, Jean Karl Portelli, fuq it-triq principali, saret din il-kollisjoni. Inoltre

dik misjuqa minn Carmelo Mifsud ma waqfetx u habtet, ukoll, mal-karozza tax-xhud, fejn kienet parkeggata.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-istess nota ta' eccezzjonijiet rispettiva taghhom, il-konvenuti qeghdin reciprokament, jitfghu r-responsabilta ta' dan l-incident fuq xulxin. Jean Karl Portelli, meta xehed (fol 46 u 47 ibid) sostna li kien qed isuq fit-Triq Principali meta "F'daqqa wahda mill-"stop sign" specifikata fl-istess skecc, ossija minn Triq Azzopardi harget karozza ohra "……. Ghall-gharrieda ……". Konsegwentement il-karozza in kwistjoni habtet ma tieghu u sussegwentement mal-ohra parkeggata u li fiha kien hemm Philip Borg. (ara ukoll dak li stqarr lill-istess Pulizija u kif riportat a fol 39 ibid). Da parti ta' Carmelo Mifsud (fol 52 u 53 ibid) dan xehed li kien ser jaqsam, bil-karozza tieghu, ghan-naha l-ohra tat-triq laterali msemmija, fid-direzzjoni tal-Imriehel. Hawnhekk, hu jsostni li kif wasal fuq is-sinjal ta' 'stop', hu waqaf u wara li hares kemm lejn ix-xellug fejn hemm vizwali tajba u kemm mill-mera li hemm fuq it-Triq, hu hareg u qasam peress li "….. it-triq kienet 'clear' ". Waqt li kien qed jesegwixxi din il-manuvra u "….. kwazi qsamt ghal kollox it-triq" hu jallega li minn naha tax-xellug tieghu "… rajt karozza gejja …. Bi 'speed' qawwi". Ix-xhud sema', ukoll, li wara l-incident, kien hemm 'skid marks' mhux murija fuq l-iskizz tal-Pulizija u li fl-ebda hin ma sema' hoss ta' 'brakes'.

Illi, in rigward dak li stqarr 'a caldo' wara l-incident, kif jidher a fol 39 tal-atti, Carmelo Mifsud kien qal 'Kont ghaddej minn Triq Azzopardi …. u vettura ….. li kienet gejja minn Triq il-Ferrovija l-Qadima dahlet go fija …..".

Ikkunsidrat

Illi minnufih ghandu jinghad li bl-ebda mod ma irrisulta minn xi prova indipendenti mill-partijiet illi Jean Karl Portelli kien qed jsuq b'xi velocita qawwija.

Illi mill-istess provi jidher li, fuq basi ta' probabilta', dan l-incident gie kagunat minn nuqqasijiet u ommissjonijiet fis-

sewqan da parti ta’ Carmelo Mifsud li jidher li effettivament ma waqafx fejn hemm is-sinjal ta’ ‘stop’ sabiex jesplora t-triq deskritta minnu bhala aventi vizwali tajba, u jara li ma kienx hemm traffiku iehor fuq in-naha tax-xellug tieghu tat-triq principali. Dan il-fatt jidher minn kif jirrizulta li kienet id-dinamika ta’ dan l-incident b’sewwieq ma jaghtix kaz tas-sinjal ta’ ‘stop’ fejn kien obligat li jieqaf u jara dak kollu li di gja gie premess.

Illi ghalhekk, ir-responsabilita’ ta’ dan l-incident trid tigi akkolta kollha kemm hi, lill-konvenut Carmelo Mifsud.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-‘quantum’ ta’ hsarat, li ma giex kontestat issir referenza ghalla-tti min fol 19 sa fol 28 ibid).

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront biss ta’ Carmelo Mifsud u:

1. tiddikjara lill-Carmelo Mifsud bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-triffiku ta’ parti tal-konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ <u>Lm300.15</u> u tikkundanna lill-konvenut Carmelo Mifsud sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ <u>Lm300.15,0</u> bl-imghax legali mis-26 ta’ Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10.50 ta’ ittra u konsult kif ukoll dak tal-ittri ufficjali tas-26 ta’ Lulju 2000 u tat-2 ta‘ April 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------